MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 12/2003/1

**Francis Bezzina Wettinger, John Parnis England u "W.J. Parnis England Limited" u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2004 Margaret armla ta' John Parnis England, Stephen Parnis England, Johanna Parnis England, Nicholas Parnis England u Robin Parnis England assumew l-atti tar-rikors stante l-mewt tar-rikorrenti John Parnis England**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Art u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2004, giet kjamata fil-kawza l-Universita` ta' Malta**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dawn huma zewg appelli maghmula mir-rikorrenti u mill-intimati minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fit-12 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:

"... … li ma hemm beda parti mill-art tal-intimati illi ma gietx utilizzata, u kwindi ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti sanciti bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Konsegwentement tiddikara wkoll li d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur, kif ukoll id-decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet tat-8 ta' April 2003, in kwantu ordnat it-trasferiment favur l-intimat Kummissarju tal-Artijiet huma validi u ghandhom jibqghu fis-sehh. Tiddikjara li ma hemm l-ebda ksur tal-Ewwel Protokoll fil-konfront tar-rikorrenti in kwantu dawn ircevew kumpens xieraq dovut lilhom ghat-tehid tal-proprjeta' taghhom, bid-decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet, li stabbiliet il-kumpens dovut. Tiddikjara li d-dewmien fil-proceduri fuq imsemmija quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet jiksser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti sanciti bl-artikoli 29[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6[1] tal-imsemmija Konvenzjoni Ewropea, u tiddikjara li din id-dikjarazzjoni hi bizzejjed bhala rimedju ghall-imsemmija vjolazzjoni.

"L-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal kwart [1/4] mill-intimati, u kwantu ghar-rimanenti tlett kwarti [3/4] mir-rikorrenti."

**2.** Minn din id-decizjoni appellaw l-intimati li talbu li din il-Qorti tirriforma l-imsemmija sentenza billi thassar dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ddecidiet billi ddikjarat li d-dewmien fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet [il-Bord] jikser id-drittijiet fundamentali taghhom sanciti bl-Artikoli 39 [2] tal-Kostituzzjoni u 6 [2] tal-Konvenzjoni Ewropeja, u ddikjarat li tali dikjarazzjoni

kienet rimedju adegwat ghal din il-vjolazzjoni, filwaqt li ordnat li l-istess intimati jhallsu kwart tal-ispejjez; u tipprovdi minflok, billi tiddeciedi li ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali skont l-imsemmija artikoli; u tikkonferma l-istess sentenza ghall-kumplament bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**3.** Min-naha taghhom, anke r-rikorrenti appellaw mill-imsemmija decizjoni. Dawn talbu r-riforma minn din il-Qorti tas-sentenza appellata fis-sens li, filwaqt li zzomm ferma s-sejbien ta' vjolazzjoni da parti tal-intimati fit-termini tal-artikoli fuq citati, tirrevokaha ghall-kumplament, u minflok: tiddikjara vjolazzjoni tal-imsemmija artikolu kostituzzjonali u dak konvenzjonali, u dan billi t-tehid ta' parti sostanzjali tal-art esproprijata ma saritx ghal skop pubbliku, u ghalhekk tordna bhala rimedju li din tigi ritornata lir-rikorrenti; tiddikjara vjolazzjoni tal-istess artikoli billi *"qieghed jinghata lir-rikorrenti kumpens mhux xieraq li jwassal ghal sproporzjonalita` bejn l-interess pubbliku u dak tal-individwu, u tghaddi sabiex tordna l-hlas ta' kumpens f'dan ir-rigward, anke jekk hemm bzonn billi jitqabbdu periti arkitetti sabiex jassistu f'dan";* u, filwaqt li zzomm ferma s-sejba ta' vjolazzjoni ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, tghaddi sabiex taghti rimedju adegwat f'dan il-konfront fosthom billi tillikwida kumpens ghal din il-vjolazzjoni, kif ukoll taghti kull rimedju iehor li jidhrilha xieraq u opportun; bl-ispejjez kontra l-intimati.

**4.** Rat ir-risposti taz-zewg partijiet li permezz taghhom, u ghar-ragunijiet hemm indikati, opponew ghat-talbiet ta' xulxin.

**<u>Il-Fatti</u>**

**5.** Il-fatti relevanti, huma dawn.

**6.** "B'ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 1964 ir-rikorrenti gew notifikati b'kopja ta' dikjarazzjoni tal-Gvernatur fejn gie dikjarat, fost affarijiet ohra, li bicca art raba fil-limiti ta' Birkirkara, kif deskritta fir-rikors, u indikata bhala *plot number* 36 fl-istess dikjarazzjoni, hija mehtiega ghal skop pubbliku u illi l-akkwist taghha kellu jkun b'xiri assolut. L-

istess art kienet giet akkwistata mir-rikorrenti b'titolu ta' enfitewsi perpetwa.

**7.** "Ir-rikorrenti gew notifikati b'avviz ghal ftehim fejn gew infurmati illi l-kumpens illi l-awtorita` kompetenti hija lesta biex thallas lilhom ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-istess art huwa ta' mitejn u ghoxrin Lira, disa' xelini u erba' soldi (£220. 9s. 4d). Ir-rikorrenti ma accettawx il-kumpens offert.

**8.** "Illi fis-7 ta' Jannar 1965 (rikors Nru 9/1965), il-Kummissarju tal-Artijiet talab li l-Bord joghgbu jordna lir-rikorrenti illi jittrasferixxu a favur tar-rikorrent nomine f'dawk il-proceduri, b'titolu ta' xiri assolut, l-art fuq imsemmija, jiffissa l-kumpens relattiv u jaghti l-provvedimenti kollha mehtiega skont id-dispost Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici.

**9.** "Illi b'decizjoni tat-8 ta' April 2003, l-imsemmi Bord stabbilixxa l-kumpens a favur tar-rikorrent, bhala utilisti tal-art inkwistjoni, fis-somma ta' elf, mitejn, wiehed u tletin Lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,231.25) u ordna t-trasferiment favur l-intimat tal-istess art b'titolu ta' xiri assolut."

**<u>L-Aggravji</u>**

**10.** L-intimati qed jibbazaw l-appell taghhom fuq zewg aggravji:

[1] li d-dewmien fil-proceduri quddiem il-Bord ma kellux jigi attribwit lilhom, stante li huma *"m'ghandhom ebda kontroll fuq il-mod kif il-kawzi jitmexxew quddiem il-Qorti";*

[2] li ma kellhomx jigu addebitati parti mill-ispejjez, peress li ma sar ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem da parti taghhom.

**11.** Ir-rikorrenti, min-naha taghhom, wara li lmentaw li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin fuq zewg aspetti fattwali tal-kaz, ressqu formalment tliet aggravji:

[1] il-mankanza tar-rekwizit tal-iskop pubbliku fl-esprorpju *de quo*;

[2] l-inadegwatezza manifesta tal-kumpens offrut;

[3] in-nuqqas ta' rimedju adegwat moghti ghas-sejbien ta' vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, quddiem il-Bord.

**12.** Ir-rikorrenti lmentaw li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin meta gie meqjus li l-art kollha espproprijata giet fil-fatt uzata, u meta qalet li r-rikorrenti accettaw il-kumpens likwidat mill-Bord. Din il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mill-provi, u kif ser jigi spjegat fit-trattazzjoni tal-ewwel aggravju tar-rikorrenti, l-art espproprijata giet sostanzjalment uzata sabiex tigi fformata triq, sabiex jghaddu diversi servizzi, fosthom il-*pipes* tad-dranagg, u parti sservi bhala *landscape* formanti parti mill-kumpless tal-Universita`. Inoltre, kif rilevat mir-rikorrenti, ma jirrizultax mill-atti li r-rikorrenti accettaw il-kumpens, tant li prezentaw il-proceduri odjerni.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

**13.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"- - Omissis - -

"Fl-ewwel talba tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti tiddikjara illi huma jistghu jzommu bhala taghhom dik il-parti tal-art illi ma gietx utilizzata u li ghalhekk fir-rigward taghha inkiser u qed jinkiser id-dritt fondamentali tagħhom sancit bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

"Għal dan, l-intimati jirrispondu illi minkejja illi l-parti tal-art in kwistjoni ma gietx utilizzata izda li hija xorta tifforma parti mill-kumpless tal-Universita. Illi l-kundizzjonijiet necessarji sabiex tkun tista' tigi utilizzata ghall-bini baqghu ma sehhewx, u dan minhabba esigenzi ta' natura teknika.

Jgħidu ukoll illi parti mill-art fil-fatt diga intuzat sabiex minnha tghaddi triq, filwaqt li l-kumplament taghmel parti mill-kumpless tal-Università u qeghda tigi uzata ghall-iskopijiet li l-periti inkarigati mill-ippjanar tal-Università jidhrilhom addattati fl-interess ta' dik l-istituzzjoni, minn zmien ghal zmien u skond ic-cirkostanzi.

"L-ilment tar-rikorrenti jidher illi huwa illi għalkemm fid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur jingħad illi l-art hija meħtieġa għal skop pubbliku, parti biss minn din l-art ġiet effettivament utilizzata għal dan l-iskop, u dan nonostante li għaddew diversi snin mill-pubblikazzjoni tal-imsemmija dikjarazzjoni. Skond ir-rikorrenti, b'hekk qiegħed jikser id-dritt fondamentali taghhom kif sanċiti bl-artikolu 1.

"L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jgħid illi: "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali."*

"Jirizulta mill-provi li kważi minn tul tal-art kollha in kwestjoni fil-fatt tgħaddi triq li hi parti essenzjali mill-campus tal-Universita'.. Barra mnn hekk ix-xhud Suzanne Pace xehdet illi parti mill-art in kwistjoni tintuża bħala triq li tieħu mill-Università għall-*isports complex*, il-parti l-oħra hija okkupata minn diversi *cables* ta' diversi servizzi (telefon, drenaġġ u ilma) tal-Università u tal-isptar Mater Dei. l-bqija tal-art tifforma parti mill-campus tal-Universita.

"In vista ta' dan, ir-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw illi xi parti mill-art esproprijata biss ġiet utilizzata għal skop pubbliku u li xi parti oħra mhux qiegħda tiġi utilizzata għal dan l-iskop. Għalhekk fil-kawża odjerna ebda principji kostituzzjonali u/jew tal-konvenzjoni ma ġew miksura fil-konfront tar-rikorrenti. Għal dawn r-raġunijiet, l-ewwel tliet talbiet għandhom jiġu miċħuda.

"Fir-raba' talba tar-rikorrenti, dawn qiegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll gie ukoll lez u qieghed jigi lez fil-konfront tagħhom in kwantu huma gew

imcahhda mill-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-tehid tal-proprjeta' taghhom.

"Huma jitolbu ukoll dikjarazzjoni illi l-imsemmija decizjoni tal-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet, in kwantu stabbiliet il-kumpens dovut lilhom, kif ukoll kull deposizzjoni tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta li in forza tieghu gie kkalkolat l-imsemmi kumpens mill-istess Bord, jiksru l-imsemmi Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u ghalhekk huma nulli u bla effett.

"Skond ir-rikorrenti, id-deċiżjoni tal-Bord li stabbiliet il-kumpens a favur tagħhom bħala utilisti tal-art in kwistjoni fis-somma ta' elf mitejn wieħed u tletin liri maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm1,231.25) mhijiex waħda raġonevoli u ma tirriflettix l-valur tal-art li ġiet esproprijata. Skond huma, ġaladarba dan huwa kumpens li mhux xieraq, jikkostitwixxi leżjoni fid-drittijiet fondamentali tagħhom.

"L-intimati jgħidu illi l-art in kwistjoni tikkostitwixxi biċċa ċkejkna mill-kampus tal-Università, allura l-valur tagħha huwa wieħed dubjuż peress li hija art imdawwra minn art tal-Università. Hawnhekk issir riferenza għall-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll diġa ċitat aktar 'l fuq. Fir-rigward ta' dan l-artikolu, il-Qorti Kostituzzjonali, fit-3 ta' Frar, 2012, Appell Civili Numru. 744/2000/1, fil-kawża bl-ismijiet "Vica Limited v. Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali tar-Repubblika" rriteniet illi minkejja illi ma hemm l-ebda riferenza esplicita ghall-hlas tal-kumpens xieraq f'dan l-artikolu, il-kumpens meta tittiehed il-proprjeta` huwa fattur determinanti ghall-Qorti meta tigi biex tiddeciedi jekk inzammx bilanc bejn l-interess privat u l-interess generali.

"Jiġi osservat illi mhux kompitu ta' din il-Qorti illi tgħid x'kumpens kellu jingħata għall-esproprju tal-artijiet tar-rikorrenti, din hija materja li għandha tiġi determinata mill-Bord kompetenti. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa illi tara jekk ġewx leżi, jew le, xi drittijiet fondamentali tar-rikorrenti bid-deċiżjoni tal-Bord. Illi jiġi osservat ukoll illi l-kwistjoni ta' kumpens ġiet finalizzata b'decizjoni tat-8 ta' April 2003, fejn il-Bord stabilixxa l-kumpens a favur tar-rikorrent,

bhala utilisti tal-art in kwistjoni, fis-somma ta’ elf mitejn wiehed u tletin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,231.25) u ordna t-trasferiment favur l-intimat tal-istess art b’titolu ta’ xiri assolut. Ir-rikorrenti ħadu l-kumpens, u għalhekk il-bilanċ bejn l-interess tagħhom u l-interess ġenerali nżamm. Kwindi, jirriżulta illi fil-kawża odjerna l-proprjeta` tittiehdet fl-interess pubbliku kif ukoll illi nghata l-kumpens dovut u għalhekk ir-raba talba ukoll għandha tiġi miċħuda.

“Fil-ħames talba, ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara illi d-dewmien fil-proceduri fuq imsemmija quddiem il-Bord ta’ Arbitragg dwar Artijiet jikser id-drittijiet fondamentali tagħhom kif sanciti bl-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u 6(1) ta’ l-imsemmija Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti qiegħdin jitolbu li din il-Qorti tiddikjara illi d-dewmien fil-proċeduri quddiem il-Bord jikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fondamentali tagħhom għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, sanċit bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

“Illi l-intimati jgħidu illi r-rikorrent, ikkontribwixxa sostanzjalment għat-tul tal-proċeduri quddiem il-Bord u ma jistax ghalhekk jibbaza talba dwar allegat ksur ta’ Drittijiet tal-Bniedem fuqu. Jgħidu l-intimati ukoll illi l-intimati jithallsu l-imghaxijiet mid-data tat-tehid sad-data li fiha jsir il-kuntratt. Jibda sabiex jiġi osservat illi l-intimati ma ippruvawx li d-dewmien in kwestjoni kien ir-responsabilita tar-rikorrent u dan lanqas ma jirriżulta minn esami tal-process relattiv.

“L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li *Kull Qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b’liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li F*id-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta’ xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal*

*smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali.*

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti huma jissottomettu illi hu l-obbligu tal-Istat li jiżgura sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja u jekk l-Istat jonqos minn dan l-obbligu, u jbati ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb. Huwa jiċċita ukoll deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea f'dan ir-rigward. Jitkellem ukoll dwar x'inhu dewmien raġonevoli u jgħid illi '*backlog'* ma jiġġustifikax dewmien eċċessiv. Jikkwota ukoll awturi prominenti li jitkellmu dwar ir-responsabbilità tal-Istat f'każ ta' dewmien.

"L-intimati jissottomettu, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, illi l-kumplikazzjoni tal-każ, l-aġir tal-partijiet u tal-awtoritajiet rilevanti għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni biex jiġi determinat jekk is-smiegħ sarx entro żmien raġonevoli. Jgħidu ukoll illi wieħed għandu jżomm f'moħħu ċ-ċirkostanzi li fihom jaħdem kull ġudikant (numru ta' kawżi u ta' ġudikanti u l-infrastruttura). Jgħidu illi għandha tingħata konsiderazzjoni ukoll lill-kumplessità tal-każ u ċ-ċirkostanzi oħra ukoll illi setgħu ikkontribwew għad-dewmien tal-każ.

"Il-Qorti Kostituzzjonali, fit-28 ta' Dicembru, 2001 fir-rikors numru 586/97 VDG, fil-kawza fl-ismijiet "Pawlu Cachia vs Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet irriteniet li *wiehed ghandu jifhem li meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza dwar it-tehid ta' l-art ghal skop pubbliku tramite il-procedura ta' esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u d-disponibilita' tal-proprjeta' biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll ghall-process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' Tribunal kwazi gudizzjarju b'kompetenza teknika in materja. Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex tigi mehuda art meta l-iskop pubbliku ma jkunx jirrizulta stabbilit, u wisq anqas kien mahsub illi l-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin (fil-kaz taht ezami lanqas biss utilizzaha ghax il-pussess materjali baqa' f'idejn l-appellat) u xi darba ihallas il-kumpens.*

"L-istess Qorti kompliet issostni li *Ikun sewwa illi kull min kien interessat fil-process ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut ghall-proprjeta' li tkun qed tigi esproprijata, kulhadd inkluz u hadd eskluz, u mhux l-inqas it-Tribunal specjali bil-ligi moghti din il-kompetenza, jiehu nota tal-fatt li anke f'dawn il-kawzi kellu jigi rispettat l-jedd fondamentali ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.*

"Lill-kaz in ezami huwa wiehed tipiku ta' kazijiet ohrajn fejn il-proprjeta' giet milquta minn dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni mill-Gvern ghal skop pubbliku, imma fejn il-kumpens ghal dan it-tehid ħa hafna u hafna snin. Il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Artijiet bdew fis-7 ta' Jannar 1965 sabiex jiġi stabbilit il-kumpens. Illi il-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet stablixxa l-kumpens favur ir-rikorrent fit-8 ta' April 2003. Għalhekk ir-rikorrenti damu tmienja u tletin sena jistennew illi jintemmu l-proċeduri, u kwindi bla kumpens għat-teħid tal-proprjetà tagħhom. Minkejja dan, irid jiġi osservat illi, għall-finijiet ta' sejbien tal-ksur tal-Konvenzjoni, b'mod speċifiku l-Artikolu 6(1), l-att li jivvjola d-Drittijiet tal-Bniedem irid ikun imwettaq wara t-30 ta' April 1987, u ebda allegat ksur qabel din id-data ma għandu jagħti lok għall-azzjoni taħt l-artikolu 7. Għalhekk anke jekk jittiehed dan id-dewmien jiġifieri dewmien ta' circa 16-il sena u tenut kont li l-każ jittratta minn teħid ta' art għall-proġett ta' ċertu kumplessità, xorta jbqa' l-fatt illi s-smiegħ tal-proċeduri quddiem il-Bord ma ġewx konklużi fi żmien raġonevoli. Sittax il-sena biex jiġu konkjużi proċeduri huwa żmien irraġonevolment esaġerat u ċertament mhux iġġustifikat u kwindi in vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u dan id-dewien fil-proċeduri biex jiġi determinat il-kumpens xieraq jammonta għall-ksur tad-drittijietr fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 6(1) tal-ewwel skeda tal-kap 319, kif ukoll bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghalhekk din it-talba għandha tigi akkolta.

"Fl-opinjoni tal-Qorti, ġaladarba ġie stabbilit dewmien għandu jingħata rimedju lir-rikorrenti għall-leżjoni tad-drittijiet fondamentali minnhom sofferti. F'dan il-każ id-dikjarazzjoni msemmija hija rimedju biżejjed u għalhekk

mhux ser jingħataw provvedimenti oħra b'rimedji ulterjuri. Dan ukoll in vista tal-fatt illi skond l-artikolu 12(3) tal-Kap 88, ir-rikorrenti huma intitolati li jirċievu imgħax bil-5% fuq l-ammont dovut mid-data tat-teħid tal-pussess tal-proprjetà tagħhom sad-data tal-kuntratt li permezz tiegħu l-proprjetà in kwistjoni tiġi mogħtija b'xiri assolut lill-Gvern ta' Malta. Kwind, fil-kawża odjerna, tali dikjarazzjoni tkun bizzejjed u m'hemmx ghalfejn li jinghataw rimedji ohra."

__Dokumenti Godda__

**14.** Illi mar-rikors tal-appell taghhom, ir-rikorrenti esebew s-segwenti dokumenti: parti minn *survey sheet* mahruga mill-MEPA; tliet ritratti mehudin mill-ajru, mahrugin mill-MEPA u mehudin rispettivament fis-snin 1967, 1998 u 2008; tmien kuntratti ppubblikati fis-snin 1962 u 1963, kif ukoll 'Document "Y"'[1] kontenenti stimi maghmula mill-Perit Zammit, u li jgib id-data tat-12 April 2006 [Fols.26 sa 102].

**15.** Il-kopji tal-kuntratti esebiti huma awtentikati, filwaqt li d-'Document "Y"' huwa kopja, __mhux awtentikata__, ta' stima maghmula minn perit inkarigat mir-rikorrent Francis Bezzina Wettinger.

Fir-risposta taghhom l-intimati oggezzjonaw ghal prezentata ta' dawn id-dokumenti f'dan l-istadju, stante li dawn messhom gew prezentati fil-prim' istanza sabiex jigu kkunsidrati f'dak l-istadju, kemm mill-intimati li min-naha taghhom kien ikollhom l-opportunita` li jressqu provi fir-rigward, kif ukoll jigu eventwalment kkunsidrati mill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha.

**16.** Fir-rigward il-Qorti tosserva li ghandu jkun car li l-Artikolu 145 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu logikament jigi utilizzat mill-partijiet f'sens konformi mal-funzjoni ta' din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni, altrimenti jigi stultifikat id-dritt tad-*doppio esame* tal-kawzi, moghti mil-legislatur lil kull min ihossu aggravat b'sentenza tal-ewwel grad, bir-rizultat li l-uzu hazin ta' din id-

[1] Fol.102

dispozizzjoni tal-ligi jissarraf b'abbuz u jmur kontra l-ispirtu ta' din in-norma procedurali. Konformament, il-partjiet f'kawza quddiem il-prim' istanza ghandhom iressqu l-provi kollha disponibbli ghalihom f'dak l-istadju, sabiex il-vertenzi jigu ventilati b'mod shih u komplet, b'mod li allura l-ewwel Qorti tkun fil-pozizzjoni ahjar li tasal ghal decizjoni gusta skont il-ligi. B'hekk jigu evitati appelli inutili, u dewmien fil-kawzi, u dan ukoll a skapitu ta' kawzi ohra li din il-Qorti jkollha quddiemha. Ghalhekk huwa skont il-ligi, u fl-interess kemm tal-partijiet kif ukoll tal-amministrazzjoni korretta tal-ligi, li l-provi quddiem l-ewwel Qorti jkunu ntegri.

**17.** Kif osservat mill-Qorti tal-Appell [sede inferjuri] fil-kawza **Carmen Mallia et v. Mario Spiteri:**[2]

"Ma hemmx ghalfejn jigi ripetut li biex Qorti fi grad ta' appell ikollha verament funzjoni ta' qorti ta' revizjoni, u biex, anzi jigi evitat li din issir qorti ta' prim' istanza l-eccezzjonijiet u l-provi dwarhom kellhom jinghataw, jigu prodotti u trattati quddiem il-Qorti Inferjuri. Is-sens komuni jiddetta li jinkombi dejjem fuq il-parti li ggib quddiem il-Qorti ta' isfel dawk id-difizi, ezawrjenti u kompluti mill-provi, li hi setghet iggib 'il quddiem ghas-soluzzjoni tal-kaz. Il-konvenut appellant naqas li jaghmel hekk."

**18.** Fil-kaz in dizamina, wahda mit-talbiet maghmula mir-rikorrenti fir-rikors promotur hija proprju li l-kumpens stabbilit mill-Bord jitqies bhala mhux xieraq u ghalhekk in vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ghalhekk sa mill-bidu tal-proceduri kien car li r-rikorrenti kienu qed jikkontestaw il-quantum tal-kumpens stabbilit li, skont huma, huwa leziv tad-dritt taghhom sancit fl-artikolu precitat. Kien ghalhekk l-oneru taghhom li jipprovaw dak minnhom allegat.

**19.** Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tifhem ghaliex, tenut kont li din il-vertenza kienet cara sa mill-bidu nett tal-proceduri, u tenut kont ukoll li matul il-proceduri quddiem

[2] Deciza 9 Novembru 2005;

l-ewwel Qorti, ma rrizulta ebda ostakolu li impedihom milli jesebixxu d-dokumenti *de quo*, liema proceduri damu ghaddejin circa tmien snin u li matulhom kellhom l-opportunita` kollha li jressqu l-provi in sostenn tat-tezi taghhom, dawn naqsu milli jipprezentaw dokumenti li jirrizalu ghas-snin 1962 u 1963 [il-kuntratti], ghas-snin 1967, 1998 u 2008 [ir-ritratti] u ghas-sena 2006 [l-istimi tal-perit taghhom].

**20.** B'mod partikolari rigward l-ahhar dokument, hija rilevanti l-osservazzjoni li mill-atti jirrizulta, li fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2006 id-difensur tar-rikorrenti *"informa l-Qorti li fadal biss li jigu prodotti bhala prova li jigu ezebiti xi kuntratti."*[3] Fl-udjenza sussegwenti tal-20 ta' Ottubru 2006, il-kawza giet differita *"ghall-ahhar darba ghal provi kollha tar-rikorrenti"* ghal 15 ta' Jannar 2007. Fil-mori tad-differiment, u precizament fit-18 ta' Dicembru 2006 ir-rikorrenti prezentaw permezz ta' nota diversi kopji ta' kuntratti li m'humiex dawk annessi mar-rikors tal-appell. Fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2007 ir-rikorrenti ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi, u ma rrizultax li saret xi talba sussegwenti ghall-awtorizzazzjoni ghal prezentata ta' dokumenti ulterjuri.

**21.** Il-premessi konsiderazzjonijiet fattwali u guridici huma diretti biex juru li fil-kaz odjern kien ikun konformi mal-amministrazzjoni korretta tal-gustizzja li dawn id-dokumenti, b'mod partikolari d-'Document "Y"', jigu pprezentati quddiem l-ewwel Qorti, ghall-iskrutinju taghha u tal-kontro-parti.

**22.** Illi rigward il-valur probatorju li din il-Qorti ghandha taghti lil dawn id-dokumenti, jigi osservat li l-istima kontenuta fid-'Document "Y"' m'hijiex konfermata bil-gurament u di piu` hija biss kopja fotostatika mhux awtentikata. Inoltre, mill-istess dokument jirrizulta li l-kalkoli hemm maghmula huma bazati fuq il-kriterju li l-art kienet fabbrikabbli, filwaqt li mir-rapport tal-membri teknici tal-Bord redatt fit-2 ta' Frar 2003, jirrizulta li l-art "*hija purament interkjuza u ghalhekk taqa' taht il-kategorija ta'*

---

[3] Fol.80

*art bazikament agrikola."*[4] Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq id-dokumenti annessi, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-aggravju li jirrigwarda l-kumpens.

**23.** Izda fid-dawl tal-premess, u tenut kont ta' dak li jghid l-Artikolu 145 fuq citat, mhux il-kaz li jigi ordnat l-isfilz tad-dokumenti inkwistjoni ghalkemm il-Qorti ma hix se tistrieh fuqhom.

**<u>L-Appell tar-rikorrenti</u>**

*L-Ewwel Aggravju – l-iskop pubbliku*

**24.** Fis-sostanza l-aggravju tar-rikorrenti huwa li mhux l-art kollha esproprijata hija koperta bl-iskop pubbliku. Jghidu:

"... … illi t-tehid ta' l-estensjoni ta' l-art fil-mizura li ttiehdet ma kienitx koperta fl-intier taghha bi skop pubbliku. Il-lanjanza tar-rikorrenti dejjem kienet limitata ghal dik il-parti ta' l-art li ma gietx utilizzata fil-progett ta' l-Universita', u mhux l-art kollha. L-esponenti jissottomettu illi t-tehid ta' art aktar minn dak li hemm bzonn ghal progett ma tistax tigi gustifikata sempliciment billi parti minn dik il-proprjeta' tintuza ghal skop pubbliku ... ... ... l-ilment taghhom jiffoka fuq dik l-estensjoni ta' art li fil-fatt ma gietx inkorporata fil-progett ta' l-Universita' ... ... [u li] l-estensjoni ta' din it-triq tkopri anqas minn nofs l-estensjoni ta' l-art kollha mehuda ... ….

"... … kwalunkwe tehid ghandu jkun limitat minn dak li huwa mehtieg u necessarju, u fejn ittiehdet art ferm akbar minn dik necessarja jammonta ghal vjolazzjoni tad-dgawdija tad-dritt ghal proprjeta' meta dik l-art ma tigix rilaxxjata lura lis-sidien".

**25.** Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-fatt li l-art *de quo*, cioe` dik il-parti li ma gietx uzata sabiex tinbena r-*ring-road*, giet utilizzata mill-Universita` sabiex isservi bhala passagg ghall-mghodija ta' sevizzi, *"bhal dranagg, ilma u telefon"*

---

[4] Att 9/65

m'ghandhomx jitqiesu bhala fatturi li jirrendu l-esproprju ta' din il-parti tal-art ghal skop pubbliku.

**26.** Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li, meta l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni li tqis li l-art kollha kienet giet esproprijata ghal skop pubbliku u li ghadu jissussisti dan ir-rekwizit, hija strahet fuq id-depozizzjoni tal-Perit Suzanne Pace, li tahdem fl-Estates and Works Department tal-Universita`, konfermata wkoll mix-xhieda tal-Perit Christopher Spiteri, id-Direttur tal-istess dipartiment.

**27.** Il-Perit Suzanne Pace, fix-xhieda taghha, tghid hekk:

"L-art in kwistjoni tintuza, parti minnha bhala triq li tiehu mill-Universita' ghall-kampus sportiv, dan huwa l-uniku access mill-Univerista' ghall-kumpless sportiv; il-kumplament ta' l-art in kwistjoni, cioe' fejn m' hemmx it-triq, hija okkupata minn diversi cables ta' varji servizzi ... ... hemm ghaddejjin cables ta' varji servizzi kemm ghall-Universita', kif ukoll ghall-isptar Mater Dei ... ... ghar-rgiward tad-dranagg dan ghaddej minn that it-triq, kif ukoll fit-triq stess igongi ma' parti li mhux qeghda fit-triq ... .... Skond jiena, parti sostanzjali mill-art in kwistjoni hija okkupata mit-triq li semmejt, kif ukoll mis-servizzi li semmejt.
"Iz-zewg xhieda kkonfermaw li l-kumplament tal-art, li skond il-Perit Spiteri hija ta' circa 50 fil-mija, hija "landscaped" u tifforma parti mill-campus tal-Universita'."

**28.** L-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici [Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta] fid-definizzjoni ta' "skop pubbliku", jghid, fil-parti relevanti, li dan jinkludi:

"... … l-utilizizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt konness jew relatat maghha ghal kull raguni marbuta mal-provvista, hazna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi ohra ta' energija, jew f' konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilita' jew servizz municipali jew progett infrastrutturali,

ghandu jitqies bhala konness ma jew ancillari ghall-interess pubbliku jew utilita'."

**29.** Jinsab ritenut fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li, fil-qasam tal-ippjanar dwar proprjeta`, l-Istati membri ghandhom margini wiesgha, dwar fiex jikkonsisti l-interess pubbliku, basta tinzamm il-proporzjonalita` jew il-bilanc gust, bejn l-interessi tal-kollettivita` in generali, u l-htiega li jigu protetti d-drittijiet fundamentali tal-individwu.

**30.** Kif osservat fil-kawza **James and Others v. The United Kingdom:**

*"... ... a taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic and other policies may be in the public interest even if the community at large has no direct use of enjoyment of the property taken ... ... .... The Court finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing socieal and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is 'in the public interest unless that judgment be manifestly without reasonable foundation."*

**31.** Ukoll fil-kaz **Hutten Czapuska v. Poland**[5] osservat li:

*"Not only must an intereference with the rights of property pursue on the facts as well as in principla a legitimate aim in the the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State, including measures designed to control the use of the individual's property. The requirement is expressed by the notion of a 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community, and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights.*

[5] Deciza 19 Gunju 2006

*“The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol no.1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whetehr by reason of the State’s interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden.”*

**32.** Fil-gurisprudenza patria jinsab hu ritenut li l-interess pubbliku huwa mmirat ghal generalita` u marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn awtorita` pubblika. L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz u fond ikun qed jintuza fl-interess pubbliku jekk jintuza ghal skopijiet kulturali jew socjali li jolqtu firxa differenti ta’ nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruhhom f’attivitajiet ta’ din ix-xorta.[6]

**33.** Ferm il-premess, ghandu jkun pacifiku li l-esproprijazzjoni ta’ art sabiex jinbena l-progett tal-unika Universita` li hawn f’Malta, u li qeghda tespandi b’mod rapidu maz-zminijiet, hija fl-interess pubbliku fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ghandu jkun ukoll car, li l-esproprju intiz sabiex jakkomoda wkoll l-utilitajiet u servizzi bzonnjuzi ghall-funzjonament ta’ din l-istituzzjoni, ghandu jitqies bhala li sar ukoll fl-interess pubbliku. Illum izjed u izjed meta l-Gvern qed jutilizza dik l-istess parti tal-art sabiex jghaddi wkoll diversi servizzi li jservu ghall-Isptar Mater Dei. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jistax validament jinghad li fl-esproprju tal-art *de quo* l-interess pubbliku m’ghadux jissussisti.

**34.** Illi inkwantu ghal dik il-parti tal-art fejn, ghalkemm ma jghaddux servizzi minnha, l-intimati jqisuha bhala formanti parti mill-*campus* tal-Universita`, il-Qorti tosserva li mill-provi, inkluz ir-rapport tal-perit gudizzjarju, il-Perit Godwin Abela, jirrizulta li tul l-art esproprijata ghaddejja t-

---

[6] Q.Kos. **Josephine Mary Vella v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali u Kazin tal-Banda Leonard** - 25 Mejju 2012; Q.Kos. **Philip Grech pro et noe v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali** - 7 Dicembru 2010; Q.Kos. **Pawlu Cutajar v. Kummissarju tal-Artijiet** – 30 Novembru 2001

triq li taghti ghall-Universita` u li hi wkoll l-uniku access mill-Universita` ghall-kumpless sportiv taghha. Inoltre, l-art *de quo* hija vicin l-imsemmija triq it-tul taghha, u ghalhekk hija valida t-tezi tal-intimati li din giet esproprijata sabiex tifforma parti mill-*campus* tal-Universita`, *multo magis*, meta kif fuq gja` gie osservat din l-istituzzjoni qeghda tespandi rapidament rizultat tal-politika tal-Istat li jwessa' u jespandi ghal massimu l-edukazzjoni terzjarja fil-pajjiz, liema fattur necessarjament jimporta fil-futur espanzjoni fil-facilitajiet edilizji tal-Universita`.

**35.** Inoltre, jigi osservat li, ghalkemm huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostrana li d-dritt tal-Istat li jesproprija proprjeta` tal-privat jikkostitwixxi deroga tal-jedd fundamentali, u li dan id-dritt ghandu ghalhekk jigi ezercitat biss fejn u sa fejn huwa necessarju[7], dan mhux kaz ta' tehid ta' proprjeta` sabiex xi darba jigi ddentifikat progett fl-interess pubbliku, imma huwa l-kaz ta' esproprju li sar biex isir progett li qieghed kontinwament jespandi bil-politika ta' espansjoni ta' l-edukazzjoni terzjarja.

**36.** Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat, u qed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju – Il-Kumpens*

**37.** Dan hu fis-sens li l-ammont ta' Lm1,200 [illum €2,796] stabbilit bhala kumpens mill-Bord ghall-esproprju *de quo*, huwa baxx, u *"huwa ferm 'il boghod mill-valur taghha",* tenut kont li l-kejl tal-art huwa ta' aktar minn zewgt-tomniet, kif ukoll tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti, bhala utilisti, ihallsu Lm42 [illum €97.86] fis-sena cens lid-direttarji, u li f'dawn l-ahhar 43 sena hallsu Lm400 cens fuq l-art esproprijata.

**38.** Ir-rikorrenti jghidu li f'dan il-kaz ma jezistux cirkostanzi straordinarji li jiggustifika li l-komputazzjoni tal-kumpens ma tkunx relatata mal-valur tal-proprjeta` mehuda. Inoltre, il-hlas tal-interessi tal-5% *"ma*

---

[7] Q.Kos. **Allied Newspapers Limited v. Avukat Generali et** – eciza 2 Dicembru 2003

*jirrapprezenta ebda rimedju f' dan ir-rigward u dan billi l-hlas ta' interessi huwa dovut minn kull kreditur, anzi huwa dovut b' rata aktar gholja."*

**39.** F'dan ir-rigward huma jaghmlu referenza ghad-dokumenti annessi minnhom mar-rikors tal-appell taghhom.

**40.** Fl-ahhar parti ta' dan l-aggravju, ir-rikorrenti jilmentaw ukoll mill-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti, li dik il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, m'ghandhiex il-kompitu li tistabbilixxi l-kumpens fuq l-esproprju, liema funzjoni hija espressament moghtija mil-legislatur lill-Bord imwaqqaf statutorjament ghal dan l-iskop.

**41.** Fl-ewwel lok din il-Qorti taghmilha car, li, ghalkemm huwa minnu li l-komputazzjoni tal-kumpens dovut ghall-esproprju taqa' specifikatament fil-mansjoni tal-Bord li ghandu jiddeciedi skont l-kriterji oggettivi[8] stabbiliti fil-Kap. 88, u li ghalhekk huwa kompost ukoll minn membri teknici proprju sabiex b'applikazzjoni tal-ligi jaslu ghall-kumpens dovut f'kull kaz, il-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ghandhom il-kompetenza li jistabbilixxu jekk il-kumpens li wasal ghalih il-Bord huwiex tali li jpoggi fuq l-individwu li tkun ittehditlu l-art, *"a disproportionate and excessive burden"* li jwassal ghall-izbilanc bejn l-interessi tal-kollettivita`, u dawk tal-individwu koncernat. Huwa minn din l-ottika legali li l-*quantum* tal-kumpens offrut ghandu jigi ezaminat.

**42.** L-ghoti ta' kumpens xieraq u gust huwa nsitu fil-protezzjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni[9].

**43.** Kif osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Bronoiswki v. Poland**[10]*:*

---

[8] PA [SK] **JCR Limited v. Kummissarju tal-Artijiet** – 30 Novembru 1998 [konfermata mill-Q.Kos. fit-2 Novembru 2001]
[9] Q.Kos. **Josephine Bugeja v. Avukat Generali** – 7 Dicembru 2009
[10] Deciz 22 Gunju 2004

*"The Court would reiterate that compensation terms under the relevant legislation may be material to the assessment whether the contested measure respects the requisite fair balance and, notably, whether it imposes a disproportionate balance on applicants."*

**44.** Illi fil-mertu l-Qorti tosserva li l-unici stimi li jirrizultaw mill-provi quddiem l-ewwel Qorti huma, dik ta' £220.9s.4d indikata fl-avviz ghal ftehim notifikat lir-rikorrenti fis-sena 1964, kif ukoll, il-kumpens stabbilit sussegwentement mill-Bord fis-sena 2003 fl-ammont ta' Lm1,231.25. Ma gew prezentati ebda stimi ohra, la tal-ammont pretiz bhala kumpens, u lanqas tal-valur tal-art espproprijata. L-istima annessa mar-rikors tal-appell m'hijiex prova affidabbli, ghar-ragunijiet fuq indikati, u m'ghandhiex valur probatorju.

**45.** Huwa opportun f'dan ir-rigward li jigi rilevat li ghalkemm fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2009, l-ewwel Qorti, fuq talba taz-zewg partijiet, inkluzi allura r-rikorrenti, innominat perit gudizzjarju sabiex *"jistabbilixxi jekk l-art in kwistjoni hijiex utilizzata anke in parte sabiex saret it-triq li tiehu mill-Universita' ghall-isports complex."* Ma ntalab u ma nghata ebda nkarigu lil dan il-perit sabiex jaghti stima tal-art.

**46.** Ghaldaqstant, in mankanza ta' prova sodisfacenti tal-valur tal-art espproprijata, u b'mod aktar specifiku, fin-nuqqas da parti tar-rikorrenti li jipprovaw li l-kumpens offrut huwa baxx meta mqabbel mal-valur tal-art, il-pretensjoni tar-rikorrenti li l-kumpens jilledi d-dritt taghhom sanciti bl-artikoli fuq citati, hija fattwalment u legalment insostenibbli.

**47.** In fine din il-Qorti tosserva li, il-paragun li r-rikorrenti jaghmlu bejn il-kumpens stabbilit mill-Bord, u c-cens imhallas minnhom lid-direttarji, b'tentattiv sabiex jigi stabbilit li l-kumpens m'huwiex wiehed xieraq, ma jaghti ebda solljev lit-tezi taghhom, stante li l-ammont tac-cens kien gie pattwit minnhom u ma giex provat li dan kien relatat mal-valur reali tal-proprjeta`. Inoltre, dan l-argument tar-rikorrenti ma jistax jitqies bhala sostitut validu ghan-nuqqas tal-prova tal-valur tal-art, liema prova,

li allura kienet tispetta lir-rikorrenti, setghet giet prodotta tul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti li bdew f'April 2003 u gew konkluzi 2012. Ma jirrizulta ebda ostakolu li jimpedixxa lir-rikorrenti milli jesebixxu quddiem l-ewwel Qorti, l-istima, maghmula fis-sena 2006, ghall-iskrutinju tal-ewwel Qorti u tal-kontro-parti.

**L-Appell tal-Intimati u t-Tielet Aggravju tar-Rikorrenti**

*Smigh Xieraq u Rimedju*

**48.** L-ewwel aggravju tal-intimati huwa konness mat-tielet aggravju tar-rikorrenti, stante li t-tnejn jirrigwardaw id-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, ghalkemm minn aspetti differenti.

**49.** Dan l-aggravju tal-intimati huwa fis-sens li ma kellux jigi attribwit lilhom l-ebda tort ghal-lezjoni rravizata mill-ewwel Qorti bazata fuq l-Artikolu 39[2] tal-Kostituzzjoni, u l-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni fil-konfront tal-intimati, peress li huma *"m'ghandhom ebda kontroll fuq il-mod kif il-kawzi jitmexxew quddiem il-Qrati, u ghaldaqstant minkejja li l-kazistika lokali titfa' t-tort ghal dewmien fuq l-Avukat Generali huwa jhoss bir-rispett kollu li qed jerfa' piz li mhuwiex tieghu."*

**50.** Jghidu wkoll li l-kaz ma kienx wiehed semplici, izda ghandu jitqies bhala wiehed kumpless minhabba li l-Kummissarju ntimat kien iffaccjat bi progett min-naha tal-Universita` li bilfors kellu jiehu certu zmien sabiex jifforma ruhu, u li hu ma kellu ebda kontroll fuqu.

**51.** It-tielet aggravju tar-rikorrenti huwa fis-sens li, ghalkemm huma jaqblu mal-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha li gie lez fil-konfront taghhom id-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, izda ma jaqblux li d-dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni, waheda, tikkostitwixxi rimedju adegwat, stante li r-rikorrenti sofrew *"pregudizzju fit-trapass taz-zmien li hadu l-proceduri quddiem il-Bord, fosthom il-kambjament bejn il-valur tal-ammont ta' kumpens kieku kien moghti fis-sena tat-tehid u dak l-ammont kemm jiswa llum."*

**52.** In tema legali jigi osservat li:

"Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal Qorti Ewropea li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessita' tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide *Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*

"Ghalhekk f'kawza bhal din m'ghandux biss semplicement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra.

"Il-fattur taz-zmien m' ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz *[ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]"*[11]

**53.** Fil-mertu, il-Qorti tosserva li ma hemmx dubbju li l-proceduri quddiem il-Bord twalu b'mod eccessiv. Bdew fis-7 ta' Jannar 1965 u gew konkluzi bid-decizjoni tal-Bord fit-8 ta' April 2003, circa 38 sena. Ma hemmx dubbju li t-trapass ta' dan iz-zmien kollu ma jistax jitqies bhala wiehed ragjonevoli fit-termini tal-artikoli fuq citati.

**54.** Minn ezami tal-atti tal-kawza numru 9/65 fl-ismijiet **Dottor Edgar Mizzi bhala Kummissarju tal-Artijiet v. Paola u Carmela, mizzewwgin Vella, bhala direttarji tal-art, u Francis Bezzina Wettinger et**, quddiem l-imsemmi Bord, jirrizulta li ghal dan id-dewmien jahtu

[11] Q.Kos. **Joseph Camilleri v. Avukat Generali** – 28 Settembru 2012; Ara wkoll Q.Kos. **George Xuereb v. Registratur tal-Qorti** – 8 Novembru 2004; Q.Kos. **Dr.Lawrence Pullicino v. Onor.Prim Ministru** *18 Awissu 1998;* Q.Kos. **John Bugeja v. Avukat Generali** - 8 Novembru 2003;

kemm l-Istat, u l-partijiet, hlief il-kjamata fil-kawza, l-Universita` ta' Malta li ma kinitx parti f'dawk il-proceduri.

**55.** Jirrizulta li fis-sena 1965 kien sar access, u gew prezentati noti tal-osservazzjonijiet, izda fil-15 ta' Dicembru 1965 il-kawza thalliet *sine die* sakemm tghaddi in gudikat sentenza moghtija f'kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

**56.** Fit-30 ta' Settembru 1974 il-kawza regghet giet appuntata fuq talba tal-difensur tal-konjugi Vella, allura intimati, u fl-20 ta' Jannar 1975 sar access iehor.

**57**. Bejn is-snin 1975 u 1976, intalbu u nghataw diversi differimenti ghal diversi ragunijiet: kemm ghax ma deher hadd; kemm b'ordni tal-Bord; kif ukoll diversi drabi fuq talba tad-difensur tal-intimati Vella. Sussegwentement inghataw differimenti ohra, kemm minhabba indispozizzjoni ta' xi membru tal-Bord; kemm minhabba li l-Bord ma kienx debitament kostitwit; kif ukoll diversi differimenti fuq talba tad-difensur tal-konjugi Vella.

**58.** Fis-6 ta' Ottubru 1978 il-kawza giet differita fuq talba tad-difensur tal-intimati Vella, mhux opposta *"sakemm tinghata decizjoni fil-kawza numru 65/76".*

**59.** Fl-10 ta' Dicembru 1979, il-kawza giet differita, fuq talba, mhux opposta, tal-intimati ghal *"differiment fit-tul".* Sussegwentement inghataw diversi differimenti ohra, u fil-5 ta' Ottubru 1981 il-kawza giet differita *"peress li qed tistenna l-ezitu ta' kawza ohra fil-Prim' Awla u billi wkoll sar il-hin."*

**60.** Sussegwentement inghataw diversi differimenti ohra fuq ordni tal-Bord, u fis-16 ta' Ottubru 1989 il-kawza giet differita ghall-provi tal-intimati.

**61.** Inghataw diversi differimenti ohra, u fit-13 ta' April 1992 il-Bord iddeplora n-nuqqas tal-intimati li jressqu l-provi taghhom. Fit-30 ta' Novembru 1992 il-kawza giet differita *"ghall-ahhar darba ghall-provi tal-intimati*.

**62.** Fis-sena 1993 mietu l-konjugi Vella u l-kawza thalliet diversi drabi ghal-legittimazzjoni tal-atti. Fis-6 ta' April 1995 xehed it-tifel taghhom, Emanuel Vella. Fid-9 ta' Ottubru 1995 giet differita ghal provi kollha li fadal tal-intimati.

**63.** Fit-22 ta' Ottubru 1996 gew nominati zewg periti teknici, xehed ir-rikorrent (allura intimat) Francis Bezzina Wettinger, u l-Perit Edgar Attard Montalto, u sussegwentement il-kawza thalliet ghar-rapport tal-periti teknici u ghas-sentenza.

**64.** Wara diversi differimenti tal-kawza ghar-rapport u eventwali sentenza, fit-28 ta' April 1999 l-imsemmi Francis Bezzina Wettinger *"iddikjara li bi hsiebu jistitwixxi proceduri biex twaqqa' l-ordni tal-esproprijazzjoni, u ghalhekk talab il-Bord jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza."*[12] Il-kawza thalliet "ghad-debiti verifiki". Sussegwentement inghataw differimenti ohra, u fis-17 ta' Frar 2000 l-istess intimat informa l-Bord li *"huwa ghadu ntiz li jipprezenta rikors kostituzzjonali u talab sospensjoni ta' dawn il-proceduri."*[13] Il-kawza giet differita "ghad-debiti verifiki."

**65.** Il-kawza baqghet differita ghar-rapport sakemm tlesta r-rapport tal-perit teknici fl-4 ta' Frar 2003, u fit-8 ta' April 2003 inghatat is-sentenza.

**66.** Mill-kwadru premess, johorgu b'mod lampanti:

**67.** [i] in-nuqqas tal-Istat, rapprezentat f'din il-kawza mill-Kummissarju tal-Artijiet, u wkoll mill-Avukat Generali li, ghal zmien relevanti deher jassisti lill-Kummissarju tal-Artijiet fil-proceduri quddiem il-Bord. L-Istat naqas li jassigura li l-proceduri gudizzjarji ma jithallewx jitwalu daqshekk inutilment.

**68.** Ghalkemm jghidu li huma ma kellhomx kontroll fuq il-mod kif jitmexxew il-qrati, mill-inkartament ta' dawk il-

---

[12] Fol.200
[13] Fol.203

proceduri ma jirrizultax li qatt sar xi ilment min-naha tal-imsemmija intimati [allura rikorrenti] ghad-dewmien, anzi ghal diversi differimenti mitluba mir-rikorrenti [allura ntimati], il-Kummissarju intimat iddikjara li ma kienx qed jopponi, u l-uniku ilment li mill-atti jirrizulta li sar huwa dak tal-Bord meta fit-13 ta' April 1992 iddeplora d-dewmien da parti tal-intimati li jressqu l-provi taghhom.

**69.** Jinghad ukoll li kien hemm diversi differimenti li saru fuq ordni tal-Bord, fosthom ghar-raguni li dan ma kienx debitament kostitwit, kif ukoll sabiex tlesta r-rapport tal-periti.

**70.** Inoltre, ghalkemm l-intimati fil-kawza odjerna jressqu bhala raguni ghad-dewmien il-komplessita` tal-kaz, dan il-fattur ma rrizultax mill-inkartament tal-proceduri quddiem il-Bord.

**71.** [ii] in-nuqqas da parti tar-rikorrenti [allura ntimati], konsistenti fid-diversi differimenti mitluba minnhom, u b'mod partikolari fil-fatt li, ghalkemm fis-6 ta' Ottubru 1989 il-kawza thalliet ghall-provi taghhom, dawn ghal zmien twil baqghu inadempjenti f'dan ir-rigward, sakemm fil-11 ta' Ottubru 1996, seba' snin wara, ressqu bhala xhieda lir-rikorrent (allura intimat) Francis Bezzina Wettinger u l-Perit Edgar Attard Montalto. Inoltre, fit-18 ta' April 1999, meta l-kawza kienet qed tigi differita ghar-rapport tal-periti teknici, l-istess rikorrent [allura intimat] talab is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex iressaq proceduri kostituzzjonali ghat-twaqqiegh tal-ordni tal-esproprijazzjoni, liema proceduri fil-fatt fetahom fid-29 ta' April 2003.

**72.** Ghalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti meta, ghalkemm sabet li f'dan il-kaz kien hemm lezjoni ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fil-proceduri quddiem il-Bord, fil-konfront tal-rikorrenti, l-agir ta' dawn, tant kien dilatorju b'mod li kkontribwixxa sostanzjalment ghad-dewmien tal-proceduri, li d-dikjarazzjoni ta' lezjoni tal-imsemmi dritt, fiha nnifisha, f'dan il-kaz, tikkostitwixxi rimedju xieraq u adegwat.

**73.** Ghaldaqstant kemm it-tielet aggravju tar-rikorrenti, kif ukoll l-ewwel aggravju tal-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Artijiet huma nfondati, u qed jigu michdua, filwaqt li l-ewwel aggravju tal-kjamata fil-kawza huwa fondat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju tal-Intimati – L-ispejjez*

**74.** Dan hu fis-sens li l-intimati ma kellhomx jigu addebitati bi spejjez peress li ma sar ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem da parti taghhom.

**75.** Fir-rigward din il-Qorti, wara li taghmel referenza ghall-premessi konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet, tikkunsidera dan l-aggravju gustifikat limitatament ghall-kjamat fil-kawza l-Universita` ta' Malta li ma kinitx parti fil-proceduri quddiem il-Bord. Ghalhekk ma tistax tinzamm responsabbli ghad-dewmien ta' dawk il-proceduri.

**76.** Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi milqugh limitatament ghall-kjamat fil-kawza, u respint fir-rigward tal-intimati l-ohra.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi, dwar l-appell tal-intimati billi tilqa' l-appell limitatament fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet ksur tad-dritt ghal smigh xieraq da parti tal-kjamata fil-kawza l-Universita` ta' Malta, u kkundannatha thallas parti mill-ispejjez, u minflok, tiddikjara li ma kien ebda ksur tal-imsemmi dritt da parti tal-istess kjamata fil-kawza, filwaqt li tezonera lill-istess milli thallas xi spejjez in konnessjoni mal-proceduri quddiem il-prim istanza; tikkonferma s-sentenza ghal bqija. Tiddeciedi dwar l-appell tar-rikorrenti billi tichdu.

L-ispejjez quddiem il-prim istanza ghandhom jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, salv li l-kjamata fil-kawza m'ghandha tbati ebda spejjez; filwaqt li dawk tal-appell ghandhom jithallsu inkwantu ghal kwart [$^{1}/_{4}$] mill-intimati

Avukat Generali u Kummissarju tal-Artjiiet, filwaqt li r-rimanenti tliet kwarti [$^3/_4$] ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------